# *Taf xi jfissru dawn?*

## MINĠEL / MINĠLA



Għodda tal-biedja b'xafra milwija nofs qamar li tintuża biex taħsad il-qamħ u ħaxix ieħor mir-raba'. **Il-minġla** jkollha manku żgħir li jitqiegħed f'ħolqa mwaħħla mal-ħajt. Din tintuża biex il-bdiewa jqattgħu s-silla u l-ħaxix max-xafra tagħha.

## KUNTELL

Ktieb żgħir li fih jinżammu l-irċevuti tal-kera u l-qbiela. Aktarx li l-kelma ġejja minn kont, u allura jista' jissejjaħ il-kont tal-kera.

## ĦANNIEQA



Kull ħaġa li wieħed jista' jdendel jew idawwar m'għonqu biex jiżżejjen bħal kullana, katina, kullar, barbazzal, ġiżirana u l-bqija.

## MERGĦA

Art li fiha jikber il-ħaxix u li tkun imħollija biex fiha jimirħu u jirgħu l-annimali. Ħafna drabi din tkun fuq xi xaqliba ta' wied u tkun art li ma tkunx tista' tinħadem.

## PUSTUMETTA

Ponta fil-ġisem li l-aktar tkun fil-ħalq. Tikber minħabba xi infezzjoni jew inkella meta jittiekel ikel ħarr (ħami jew jaħraq) li jniġġes il-ħanek.



lehhilmalti@gmail.com **LEĦĦ IL-MALTI** lehhilmalti@gmail.com

# Nistaqsi biex nikteb Malti sew



## X'nikteb **fiex** jew ***fhiex*** ?

Għandna niktbu l-kelma **fiex**. Dan għaliex din il-kelma hija magħmula mill-prepożizzjoni **fi** marbuta mas-suffiss **–iex** li jfisser "xi ħaġa", sewwasew bħalma **biex** hija magħmula minn **bi** + **-iex**. Kliem ieħor mibni bl-istess mod huwa **għaliex** (**għal** + **-iex**) u **mniex** (**minn** + **-iex**).

M'għandna qatt niktbu **fhiex**. Aktarx wieħed ikun iħawwad il-kelma ma' kelmiet oħra bħal **ħsibthiex**, **rahiex**, **tniżżilhiex**, li fihom is-suffiss –**hiex** huwa magħmul mill-pronom mehmuż –**ha** (jiġifieri "lilha") u s-suffiss tan-negattiv –**x** (eż. **iniżżilha** [= **iniżżel lilha**] + -**x** > **iniżżilhiex**).



leħħ il-Malti

nitgħallmu u niktbu flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com*